**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 24 ta` Jannar, 2018.**

**Talba Nru: 176/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Charles Frame Freebairn Berry Stanger**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-5 ta` April 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, mitejn u tmienja u tletin Ewro (€1,238) in konnessjoni ma' servizzi elettroniċi ta` komunikazzjoni prestati lilu fuq kont bin-numru 40367057, li dwarhom kien ikkuntratta ma' Mobisle Communications Ltd (li ġiet amalgamata mas-soċjeta` attriċi b'effett mid-19 ta` Diċembru 2015), wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Hija talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 1221/2015, flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata tal-imsemmija ittra uffiċjali eżekuttiva.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta` attriċi ffirmat mal-konvenut (Dok. B, fol. 3); (iii) ċertifikat

tal-amalgamazzjoni tal-kumpanija Mobisle Communications Limited fis-soċjeta` attriċi (Dok. B2, fol. 4); (iv) kopja ta` ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 1221/2015 (Dok. C, fol. 5) u (v) traduzzjoni tat-talba fil-lingwa Ingliża (Dok. D, fol. 6).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa’ ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema’ x-xiehda ta` Maryanne Camilleri, rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi, li kkonfermat li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta` attriċi l-ammont mitlub b’din il-kawża, għas-servizzi indikati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa’ t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, mitejn u tmienja u tletin Ewro (€1,238), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**